# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sebgħa u għoxrin (27) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. **Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hemm bżonn illi nresqu arblu fit-triq tal-Karwija li qegħda ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi diġa bagħat email lil min hu kkonċernat.

3.2 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi għandna nagħmlu tabelli li jindikaw illi hemm roundabout viċin (f'triq il-Karwija), peress illi din ir-roundabout hija mudlama. Il-kunsillier Bonello qal ukoll illi għandna neħħu t-tabelli li mhumiex bżonjużi issa.

3.3 Il-kunsillier Francis Callus qal illi t-triq mhix miftuħa uffiċjalment u għandna neħħu l-perikli kollha qabel ma tiftaħ uffiċjalment. Il-kunsilliera kollha qablu. Il-kunsillier Jerome Busuttil qal illi hemm ftit ħamrija li għanda tersaq ftit lura wkoll. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla qal illi għandna nibagħtu

lil Transport Malta biex nispjegaw ix-xewqat tagħna. Is-Sindku qal illi dawn l-emails diġa ntbagħtu.

3.4 Il-kunsillier Francis Callus qal illi hemm tabelli żbaljati sakemm tasal sa triq San Pawl. Qal illi meta tabella ma taqrax tajba, aħjar ma jkun hemm xejn għax in-nies, mingħajr ma jafu, jobdew it-tabelli l-ħżiena. Il-kunsilliera qalu illi ħadd m'għandu jaqbad u jneħħi, jew idawwar, tabelli ħżiena u illi għandhom jitneħħu minn posthom.

3.5 Il-kunsilliera qalu illi mingħajr l-approvazzjoni tal-Madam ma nkunux nistgħu nimxu bil-pjanijiet tal-Basketball rings fl-iskola [ref: punt nos. 3.3 tal-laqgħa preċedenti]. Il-kunsillier Francis Callus qal illi għandna nagħmlu talba lil kap tal-iskola biex tieħu parir minn 'safety officer' dwar kif għandhom jitwaħlu dawn ir-rings.

3.6 B'referenża għal punt nru. 3.4, il-Kunsill ta' Imqabba bagħtu id-dokumenti, ġew iffirmati, u l-kuntrattur ġie biex jiġborhom.

3.7 Is-Sindku qal illi bagħat email bid-detalji kollha fuq ir-raġunijiet għalfejn jaħseb illi għandna nsemmu t-triq il-ġdid għal Carmelo Caruana.

3.8 Waqt illi l-Kunsill kien qed jiddiskuti l-kwistjoni tar-radar fir-raħal, il-kunsillier Francis Callus qal illi jemmen li l-awtoritajiet qegħdin jaħarbu mill-mistoqsijiet fuq is-suġġett. Il-kunsillier Eddie Bonello reġa insista li hu imperativ illi r-radar ma jkunx ta' periklu għan-nies. Il-kunsilliera kollha qablu.

3.9 Is-Sindku qal illi għadu ma sar ebda xogħol f'triq il-Puniċi [ref: punt nru. 3.7].

3.10 Is-Sindku qal illi ċempel lis-sur George Micallef biex jara kemm jiswa biex nagħmlu serata mużikali ġor-raħal. L-istima kienet ta €3800. L-Onorevoli Chris Said offra €3000 wara talba mis-Sindku peress illi l-Kunsill qatt ma talab flus għal xi tip ta' serati simili. Barra it-€800, il-Kunsill ikollu joħroġ il-flus għas-'sound', kif ukoll il-VAT. Kien hemm kunsens fil-laqgħa ta' qabel illi nimxu b'din is-serata. Il-kunsillier Jerome Busuttil qal illi ma jaqbilx illi aħna nħallsu għas-'sound'. Il-Kunsill talab stima għas-'sound', iżda m'hemmx risposta s'issa. Is-Sindku se jitlob lil Onorevoli Chris Said għal iżjed fondi.

3.11 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi għandna nżommu taħt l-amont ta' €1200 [mill-ispejjez tal-Kunsill] li kienu kkwotaw Bronk Productions.

3.12 Waqt il-laqgħa, il-Kunsill irċieva korrespondenża fejn intqal illi l-problemi kollha illi l-kunsilliera ddiskuttew qabel, rigward triq il-Karwija [punti nru. 3.1-3.4], għandhom ikunu ndirizati lill-Perit David Xuereb. Dan kien diġa qal illi d-deċizzjonijiet rigward it-triq mhumiex f'idejħ.

3.13 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tabelli tal-Walking Bus ma twaħħlux għax il-ħaddiema tal-IPSL huma bil-leave. Ma dan is-Sindku qal illi għandhom jibdew jieħdu jumejn leave fix-xahar iżda d-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi ma nistgħux naqbdu u ngħidulhom kemm jistgħu jieħdu fix-xahar. Minflok għandhom jieħdu perċentaġġ tal-leave qabel u wara Settembru.
Fuq il-punt tal-Walking Bus, il-kunsillier Eddie Bonello qal illi mhux it-tfal kollha għandhom il-kit is-safra li tipprovdi s-sigurta [għax jidhru iżjed]. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla qal illi l-organizzaturi għandhom jerfgħu r-responsabilita, iżda hu u l-bqija tal-Kunsill qabblu illi għandna nassiguraw illi t-tfal qegħdin jirċievu s-sigurta kollha illi għandhom bżonn.

3.14 Rigward punt nru. 10.2, is-Sindku qal illi se nirċievu €50 għal kull darba li kien użat is-Sala tal-Kunsill għall-kors tal-bdiewa, u mhux €100. B'hekk il-Kunsill għandu jirċievi €500.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-korrespondenza se jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

5.1 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikonfermaw illi, s'issa, l-Kunsill irċieva xi fondi li ġew imwiegħda mingħand l-Uffiċju tal-Prim Ministru għall-maġġoranza tal-kontijiet għax-xogħolijiet li saru madwar ir-raħal.

5.2 Il-kont tan-Nexos mhux se jkun imħallas qabel ma jiġi ċċekjat li saru x-xogħolijiet kollha. Dan għaliex il-kunsilliera jħossu li din id-darba l-kont ġie għali wisq.

## 6. Ħwejjeġ oħra

6.1 Il-kunsilliera ddiskutew min se jieħu ħsieb il-mużika waqt l-ikla tal-anżjani. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb dan fil-ġranet illi ġejjin.

6.2 Il-Kunsill se joħroġ €100 għas-servizz tal-purtinara biex tnaddaf is-Sala wara l-ikla tal-anżjani [08/01/2012] u s-serata ta' Kanta Napoli [02/01/2012].

6.3 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi għandna bżonn nagħmlu passaġġ imsaqqaf bejn is-Sala tal-Iskola u l-iskola peress illi t-tfal ma jkollomx kenn meta tkun il-kesħa u x-xita. Il-Kunsill se jara jekk il-Gvern jista jħallas għax-xogħol.

6.4 Il-kunsilliera kollha qablu illi kien hemm wisq żbalji fil-fuljett tal-Kunsill [Diċembru 2011]. Il-kunsillier Francis Callus wera illi ma kienx hemm l-aħħar paragrafu tal-artiklu tiegħu, fejn esprima x-xewqat sbieħ għal Ħal Safin f'żmien il-Milied, avolja l-pubblikaturi kienu żiedu din il-biċċa qabel ma ġie aċċettat. Qablu illi l-istess kumpanija għamlu żbalji oħrajn fil-passat. Il-Kunsill wera d-diżapunt tiegħu b'dan kollu u kunsilliera esprimew il-ħsieb illi għalissa għandna nżommu l-ħlas dovut lejn il-kumpanija.

6.5 Is-Sindku qal illi s'issa irċevejna żewġ kwotazzjonijiet għall-ikel għall-ikla tal-anżjani. Il-Kunsill irċieva minn kumpanija oħra verbalment, iżda qed jistena li jirċieva l-kwota bil-miktub. Il-kwotazzjonijiet s'issa huma ta €25 kull persuna [VAT mhux inkluz] minn Maypole Catering, €8.90 [laħam u tiġieġ] jew €10.45 [għall-ħut] minn Neriku (ma kienx hemm miktub jekk il-Vat hux inkluż. B'hekk il-Kunsill jifhem illi l-VAT hu inkluż), waqt li l-ftehim verbali [James Caterers] hu ta €9.50 kull persuna u pakkett gallettini b'xejn.

6.6 Il-kunsilliera qalu illi kien hemm ilmenti fuq James Caterers u Neriku fil-passat. Fl-istess ħin il-Kunsill ma jixtieqx jagħżel lill-Maypole minħabba l-prezz. Il-Kunsill se iqis illi l-ikel ikun sħun u ppreparat sew qabel ma tibda l-ikla. Il-Kunsill se jagħraf il-kuntrattur rebbiegħ illi jekk l-ikel ma jkunx tajjeb u sħun, il-Kunsill mhux se jħallas.

6.7 Il-kunsillier Francis Callus qal illi fil-passat, minflok ma żammna l-ħlas lejn il-'caterer', huma

offrew mitt kejk bħala kumpens. Din id-darba il-Kunsill mhux lest li jaċċetta l-ebda kumpens u jżomm il-flus.

6.8 Il-Viċi Sindku qal illi hemm ħafna residenti li jixtiequ li jkun hemm xi tip ta kors tad-drama. Dan se jiġi diskuss f'Jannar.

6.9 Il-Viċi Sindku qal illi hemm il-ħmieġ tal-ħammiem fuq l-istatwa li ġiet restawrata f'triq San Ġwann. Qal illi hemm persuna illi għandu garaxx mimli ħamiem viċin, u x'aktarx dawn qegħdin jagħmlu l-ħmieġ. Is-Sindku qal illi se jmur ikellem ma dan il persuna.

**7. Laqgħa li jmiss**

7.1 Fil-laqgħa li jmiss se jiġi diskuss il-Performance Bonus u l-leave tal-impjegati tal-Kunsill.

7.2 Se jiġi diskuss il-possibilta illi jkun hemm opportunita għat-tagħlim tad-drama fir-raħal.

7.3 Il-laqgħa li jmiss se tkun fit- 18 ta' Jannar 2012.

Sindku Aġent Segretarju Eżekuttiv